

MISTOQSIJA BIL-MIKTUB E-3038/08  
minn Joseph Muscat (PSE)  
lill-Kummissjoni

Suġġett: Post għall-ġbir ta' l-iskrapp

Post għall-ġbir ta' l-iskrapp f'Wied Żembaq, Birżebbuġa, Malta anqas minn 300 metru mis-siti preistoriċi ta' Borġ in-Nadur u Għar Dalam. Jinsab ukoll fi ħdan Żona ta' Konservazzjoni Rurali, Żona ta' Valur Ekoloġiku u huwa f'Sit ta' Importanza Xjentifika. Wied Żembaq kollu u l-inħawi ta' madwaru huma wkoll arkeoloġikament sensitivi u ntgħażlu bħala Park ta' Wirt Storiku fil-Pjan Lokali tal-Bajja ta' Marsaxlokk.

Għalkemm l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA) ilha toħroġ ordnijiet ta' infurzar kontra dan il-post mhux awtorizzat għall-ġbir ta' l-iskrapp sa mill-1993, il-proċess ta' infurzar intlaqat minn appell wara l-ieħor min-naħa tal-post abbużiv għall-ġbir ta' l-iskrapp, li minkejja t-tilwima nħarġitlu liċenza ta' negozju fl-2004.

Fl-istess ħin, dan il-post illegali għall-ġbir ta' l-iskrapp qed jingħata kuntratti governattivi.

X'inhuma l-kummenti tal-Kummissjoni dwar dan il-każ?